Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-26 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**

**Versus**

**Jonathan Cutajar**
**(66079M)**

**Il–Qorti ,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Jonathan Cutajar detentur tal-Karta tal-Identita Numru 66079M, ta' 39 sena, iben Alfred Cutajar u Mary Grace xebba Mamo, imwieled gewwa San Giljan nhar l-1 ta' Jannar 1979 u resident gewwa fond numru 71, Eclipse, Triq San Tumas, Rabat, Malta.

1. Akkuzat talli nhar il-31 ta'Mejju 2018, bejn il-5.30 u 7.00 ta' filghaxija, gewwa l-lokalita' tar-Rabat, Malta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma irregolari, ikkaguna griehi ta' natura hafifa (fil-wicc) fuq il-persuna ta' Anna Camilleri, persuna li skorriet l-eta' ta' sittin sena, hekk skond ma iccertifikat Dr. John Schembri M.D.(Reg No.1327) mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat u cirkustanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq bintu Mariah Cutajar, ta' hdax-il sena hekk skond ma iccertifikat Dr. John Schembri M.D.(Reg No.1327) mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat,Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat u cirkustanzi, ghamel ingurja u theddid lil martu Joanne Cutajar, lil bintu Mariah Cutajar u kif ukoll lil Anna Camilleri;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat, cirkostanzi u anke fil-passat, ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil martu Joanne Cutajar u/jew lil persuni ohra biza' li ser tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Joanne Cutajar, Mariah Cutajar u Anna Camilleri jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offiza u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-18 ta' Settembru 2020, (esebiti *a fol*. 175 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 64(2),214,215,216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2),222(1)(a),202(h)(vii) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 221(1)(a) u 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 251B(1)(2),221(1)(a),202(h)(i),251H(a)(b),251HA u 202(h)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 382A, 383,384,385,386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2022.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-*parte civile* iddikjaraw illi qed jirrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 17, 31 64(2), 202(h)(i)(iii)(vii), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 221(1)(a), 222(1)(a), 222A(1), 251B(1)(2), 251H(a)(b), 251HA u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Jonathan Cutajar hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena (1) millum**, b'dan illi qeda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati Jonathan Cutajar bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Jonathan Cutajar. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

**Illi inoltre, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti qeda torbot lil imputat **Jonathan Cutajar** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Anna Camilleri, Joanne Cutajar u Mariah Cutajar.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sena (1)** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat